MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 49/2006

**Josephine Borg**

**vs**

**Loreto Borg**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-20 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas tas-somma ta' elf mitejn hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1285.71) rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghaliha u ghal uliedha minuri liema manteniment kien gie ordnat d'degriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu

pruvat ai termini ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fi09 ta’ Jannar 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ elf mitejn hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm1285.71) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------